



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 58/25

Il-Lussemburgu, 5 ta' Mejju 2025

Udjenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

Impenn solenni ta' Kaja Kallas, Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà u Viċi Presidenta tal-Kummissjoni Ewropea

Matul udjenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Mejju 2025, Kaja Kallas, Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà u Viċi Presidenta tal-Kummissjoni Ewropea, ħadet l-impenn solenni previst mit-Trattati.

Minkejja li t-Trattati ma jipprevedux il-modalitajiet speċifiċi għat-teħid tal-impenn solenni, il-Kummissjoni dejjem tat importanza kbira għall-fatt li l-impenn jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-impenn solenni meħud mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea huwa s-segwenti:

"Maħtur(a) Membru tal-Kummissjoni Ewropea mill-Kunsill Ewropew, wara l-vot ta' approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jiena nimpenja ruħi solennement:

li nosserva t-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħi kollha;

li neżerċita r-responsabbiltajiet tiegħi b'indipendenza totali, fl-interess ġenerali tal-Unjoni;

li fit-twettiq tal-kompiti tiegħi la nfittex u lanqas nieħu istruzzjonijiet minn xi gvern, istituzzjoni, korp jew organu;

li ma nwettaq ebda att li jkun inkompatibbli man-natura tal-funzjonijiet tiegħi jew mat-twettiq tal-kompiti tiegħi.

Jiena nagħraf l-obbligu stabbilit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li bis-saħħa tiegħu kull Stat Membru għandu josserva din in-natura u għandu jastjeni milli jfittex li jinfluwenza lill-Membri tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Jiena nimpenja ruħi wkoll li, matul il-perijodu tal-kariga tiegħi u wara li tintemm, nosserva l-obbligi marbuta mal-pożizzjoni tiegħi, b'mod partikolari d-dmir li nagħxi b'integrità u diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċettazzjoni ta' ċerti inkarigi jew ta' ċerti benefiċċji."

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-udjenza huma disponibbli fuq [is-sit CVRIA](https://is-sit.cvria.eu).

Ibqgħu konnessi!



Anness

Diskors tal-President Koen Lenaerts

Sinjura Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà

Sinjuri,

Hekk kif niddikjara miftuħa din l-udjenza, nagħtikom merħba fisem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Illum il-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' sabiex tirċievi l-impenn solenni tas-Sinjura Viċi Presidenta tal-Kummissjoni Ewropea, Kaja Kallas, li ma setgħatx tattendi għall-udjenza solenni tas-27 ta' Jannar li għadda, li matulha l-Presidenta u l-Membri tal-Kummissjoni li daħlu fil-kariga fl-1 ta' Diċembru 2024 ħadu dan l-istess impenn.

Dan l-impenn solenni huwa previst fl-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u huwa ta' użanza stabbilita li dan jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Din l-użanza għandha tifsira simbolika doppja. Hija tesprimi l-impenn tagħha għar-rispett tad-dritt li jikkarakterizza l-Unjoni Ewropea u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tagħha, fosthom il-Kummissjoni. Din l-użanza tenfasizza wkoll l-importanza tal-kompiti li l-Kummissjoni hija mistennija twettaq, fl-interess ġenerali tal-Unjoni, konformement mat-Trattati.

Qabel ma nistiednek tiegħu l-impenn solenni marbut mat-teħid tal-kariga tiegħek, ippermettili li fil-qosor ħafna nqiegħed fil-kuntest l-avveniment li qiegħed ilaqqaqgħna llum.

Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Lulju 2024, il-Kunsill Ewropew ħatar, lis-Sinjura Kallas, bħala Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà.

Fis-27 ta' Novembru 2024, il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-ħatra, bħala kulleġġ, tal-Membri tal-Kummissjoni l-ġdida.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Novembru 2024 li taħtar lill-Kummissjoni Ewropea, li l-qari tagħha sar waqt l-udjenza solenni tas-27 ta' Jannar 2025, fetħet it-triq għall-eżerċizzju, minn din il-Kummissjoni, tas-setgħat li hija għandha skont it-Trattati, għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2024 sal-31 ta' Ottubru 2029.

Il-pożizzjoni ta' Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà ġiet stabbilita mit-Trattat ta' Lisbona f'Diċembru 2007. Minn dak iż-żmien 'il hawn, Sinjura Kallas, inti r-raba' persuna li assumiet ir-“rwol” ta' dak li spiss jissejjaħ bħala il-“Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Unjoni Ewropea”.

L-importanza partikolari tal-kompiti tiegħek tirriżulta mit-termini stess tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, l-Artikolu 18 tiegħu jistabbilixxi li r-Rappreżentant Għoli “jmexxi” l-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni, billi jikkontribwixxi, permezz tal-proposti tiegħu, għat-tfassil ta' din il-politika u billi jeżegwixxiha bħala mandatarju tal-Kunsill. L-istess japplika għall-politika ta' difiża komuni.

Dan l-istess Artikolu 18 jipprevedi li r-Rappreżentant Għoli jippresjedi l-Kunsill għall-Affarijiet Barranin u li huwa *ex officio* wieħed mill-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni. F'dan ir-rwol doppju, huwa jiżgura l-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u jassumi, fi ħdan il-Kummissjoni, ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni u l-koordinazzjoni ta' aspetti oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Barra minn hekk, l-Artikolu 27 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jassenja lir-Rappreżentant Għoli, assistit mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, it-tweqqif ta' djalogu politiku ma' terzi fisem l-Unjoni u jagħtih ir-responsabbiltà li jesprimi l-pożizzjoni tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali.

Fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku ta' tensjoni kbira li qed naraw bħalissa, b'mod partikolari minn meta faqqgħet il-gwerra fl-Ukraina fi Frar 2022, ma hemmx bżonn li tiġi enfasizzata l-importanza kruċjali li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-politika ta' difiża komuni tagħha u li, permezz tar-Rappreżentant Għoli tagħha, tmexxi l-messaġġi u l-azzjonijiet tad-diplomazija Ewropea fix-xena internazzjonali.

Sinjura Kallas, ma għandniex dubju li inti perfettament mgħammra sabiex tindirizza l-isfidi ewlenin li bħalissa qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea f'dan l-ambjent globali diffiċli. Fil-passat bħala avukata, bħala Membru tal-Parlament Ewropew mill-2014 sal-2018, bħala Prim Ministru tal-Estonja mill-2021 sad-dħul fil-kariga tiegħek mal-Kummissjoni Ewropea, inti, matul dawn l-istadji differenti tal-vjaġġ professjonali tiegħek, esponejt il-kwalitajiet personali u professjonali tiegħek kif ukoll il-kapaċità tiegħek li tassumi responsabbiltajiet politiċi għolja.

F'isem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Membri tagħha, nifraħlek mill-qalb u sinċerament nixtiqlek li l-isforzi tiegħek jirnexxu sabiex mill-ġdid ikun hemm il-paċi fid-dinja f'dawn iż-żminijiet fejn il-paċi, anki fil-kontinent Ewropew, ma għadhiex għażla evidenti.